Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,233, 26 ta' April, 2024

Taqsima B

A.L. 103 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 605)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għal Korsijiet ta' Tagħlim Tul il-Ħajja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 67 u 70 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għal Korsijiet ta' Tagħlim Tul il-Ħajja u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar id-Drittijiet għal Korsijiet ta' Tagħlim Tul il-Ħajja, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 605.03.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-paragrafu minnufih wara l-paragrafu (e) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"li jsegwu kwalunkwe kors li jidher fl-ewwel kolonna tal-Iskeda, organizzat mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà għandhom ikunu dawk id-drittijiet li jidhru ħdejn il-kors fit-tieni kolonna tal-istess Skeda.".

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Persuni eliġibbli sabiex japplikaw għal kwalunkwe kors offrut mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà.

3. (1) Persuni ta' nazzjonalità barranija li mhumiex uffiċċjalment reġistrati bħala residenti ta' Malta mhumiex eliġibbli sabiex japplikaw għal kwalunkwe kors offrut mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà.

(2) Bla ħsara għar-regolament 2, persuni ta' nazzjonalità barranija li japplikaw għal kors għandhom jippreżentaw dokumenti li jiċċertifikaw li huma uffiċċjalment residenti f'Malta skont liġijiet nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea.

(3) Ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jistgħux jitolbu awtorizzazzjoni sabiex jibqgħu Malta abbazi li applikaw għal, jew qed isegwu kwalunkwe kors offrut mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà.".

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'din l-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA
Korsijiet ta' Tagħlim

L-ewwel kolonna*	**It-tieni kolonna**
Korsijiet fil-Ħiliet Bażiċi: Korsijiet Bażiċi fil-Malti, l-Ingliż, il-Matematika, ix-Xjenza, l-IT Bażiku, il-Lingwa tas-Sinjali Ħiliet Diġitali: Titgħallem tuża l-ismartphone u, jew it-tablet tiegħek Ħiliet Diġitali: Titgħallem tuża l-internet u l-email Litteriżmu fil-media: Tifhem kif il-media taffettwana Finanzi personali: Timmaniġġja flusek	Eżenti
Korsijiet Ġenerali: sa 100 siegħa inklużi Korsijiet Asinkroniċi sa Livell 3 MQF/VET	€34.94
Korsijiet Speċjalizzati: sa 100 siegħa inklużi suġġetti Intermedji, Level Rated u IT	€46.59
Klassijiet ta' Reviżjoni: sa 100 siegħa inklużi korsijiet tal-Livell MATSEC u ICDL	€34.94
Klassijiet ta' Konverżazzjoni tal-Lingwa sa 25 siegħa	€18.63
Klassijiet ta' Filgħodu li jsiru fiċ-Ċentru ta' Tagħlim Tul il-Ħajja fl-Imsida	€11.65
Korsijiet sa 42 siegħa, li ma huma l-ebda mill-korsijiet indikati hawn fuq	€18.63

*Għandha tkun fid-diskrezzjoni tad-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà li:

(a) jemenda l-lista mhux eżawrjenti ta' Korsijiet fil-Ħiliet Bażiċi essenzjali għall-ħajja indipendenti u l-funzjonament fis-soċjetà;

(b) jaġġorna l-kategoriji l-oħra tal-lista tal-korsijiet l-oħra sabiex jirriflettu d-domanda popolari għal korsijiet oħra bħal dawn;

(ċ) iqassam it-tul f'sigħat ta' kull kors f'numru ta' sigħat kull lezzjoni;

(d) jistabbilixxi l-frekwenza li biha tingħata kull lezzjoni fit-tlestija tal-kors;

(e) jistabbilixxi l-post u l-mod minn fejn jingħata kull kors.".